MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 1309/2000/1

**Atlas Insurance Agency Ltd u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2004 is-socjeta Atlas Insurance Limited assumiet l-atti u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga' Guardian Royal Exchange PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Zahra u f'ismu proprju**

**Vs**

**John Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lil-istess socjeta attrici nomine et s-somma komplessiva ta' Lm890 (tmien mija u disghin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura CBF 281 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Joseph Zahra u dan

b'rizultat ta' habta li grat fis-17 ta' Dicembru 1998 gol-Imsida waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura FBY 767 habat mal-vettura CBF 281 proprieta' ta' Jospeh Zahra u misjuqa minn Lucienne Zahra u ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April 2000, u dawn tal-ittri bonarji tal-5 ta' Jannar 2000 u 3 ta' Dicembru 1999 bl-imghax tat-8% fuq Lm890 mit-3 ta' Dicembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. U dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz kontra Omnibus pool assiguraturi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok, qabel l-atturi intavolaw din il-kawza, qatt ma kien hemm opposizzjoni da parti ta' l-eccipjent jew tal-assikurazzjoni tieghu li jsir hlas tad-danni attwalment ikkagunati mill-eccipjent.
2. Fit-tieni lok, id-danni reklamati mill-attur fil-kawza odjerna huma ecessivi u esagerati ghax imorru ben oltre d-danni atttwalment ikkagunati mill-eccipjent fil-kollizzjoni in kwistjoni.
3. **Bla pregudizzju** ghall-premess, it-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta fl-avviz mhix legalment sostenibbi stante li l-imghax legali ma jistax jiddekorri skond il-ligi mid-data ta' ittra bonarja.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Avukat difensur tas-socjeta' attrici nomine et.

Ikkunsidrat

Illi skond kif jidher mill-imsemmija nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut, dan ma jidhirx illi qed jikkontesta r-responsabilta' tieghu in rigward l-incident in esami izda qed jikkontesta l-valur tad-danni pretiz fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, dwar il-'quantum' ta' danni li huma pretizi mis-socjeta attrici nomine et, gew prodotti in sostenn tal-istess ammont, is-segwenti provi:-

a) Stephen Conti (fol 12 et seq ibid) spjega illi, wara l-istess incident, kien sar 'survey' tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici nomine u propjeta tal-attur u ghalhekk esebixxa kopja tal-istess rapport kif ukoll il-kontijiet bl-ircevuti relattivi li thallsu minn din is-socjeta, liema dokumenti jinsabu a fol 15 et seq tal-atti. Dwar l-istess 'quantum' ix-xhud sostna li, b'kollox kienet thallset is-somma pretiza fl-avviz. Inoltre kienu saru diskussjonijiet mal-'omnibus pool' peress li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet 'char-a banc" minn fejn jidher illi kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammont pretiz.

Dwar dak premess, jigi notat illi a fol 21 ibid hemm esebita l-formola "bumper to bumper" fejn hemm inidkat fuq in-naha tax-xellug taht 'visible damage' illi l-hsara fuq il-vettura in kwistjoni numru CBF 281 u misjuqa minn Lucienne Zahra kienet tikkonsisti f'bumper ta' wara maqsum' u ' daqqa fuq il-bieba tal-boot'. Inoltre a fol 23 ibid hemm kopja ta' ittra datata it-18 ta' Mejju 2000 minn fejn jidher illi l-'omnibus pool' kienet qed tikkontesta l-'quantum' pretiz bhala ingustifikat u "… does not reflect the damage caused to your insured's vehicle….".

b) L-imsemmija Lucienne Zahra (fol 28 et seq ibid) spjegat kif gara dan l-incident li fih kienu involuti tlett vetturi, fosthom dik misjuqa mill-konvenut kif ukoll dik misjuqa minnha tal-marka Opel Corsa u " li kienet ilha fuq it-triq madwar sitt xhur" ossija "…. Ghadha gdida fjamanta u kont ser immur naghmlilha l-ewwel 'service'. Dwar id-daqqa li kienet fuq wara, hi ddeskrivietha bhala 'b'sahhitha' in vista li l-vettura li tatha din id-daqqa kienet landrover'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 32 et seq ibid) xehed illi l-vettura misjuqa minn Lucienne Zahra kellha hsara fil-'bumper' ta' wara u li kien maghmul mill-plastik' u dwar l-istess hsara esebixxa ritratt li jinsab a fol 36 tal-atti. Pero' dwar dan il-punt, hu qal ukoll, li ma "ma neskludix, anzi jista' jkun, li kien hemm xi hsara wara l-'bumper'' u li l-vettura misjuqa minn Lucienne Zahra "… forsi tidher li kienet ilha fuq it-triq ghal xi tlett xhur".

Illi l-konvenut ipproduca bhala xhud lil George Abdilla ( fol 76 et seq ibid) is-sewwieq tal-imsemmija 'landrover' u dan sostna illi l-hsara fuq il-vettura ta' quddiemu kienet daqqa zghira fuq il-bieba ta' wara trattasi ta' karozza tal-ghamla 'hatchback' u 'xi haga zghira fuq il-bumper'. Inoltre, meta saret referenza ghar-ritratt, gja msemmi, a fol 36 ibid u li kien ittiehed minnu, hu semma' li l-istess 'bumper' jidher li hu 'naqra maqlugh waqt li hsara fuq il-bieba ta' wara 'ma jidhirx li kien hemm'.

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont tal-provi kif esposti, dawn gew esaminati u analizzati bir-reqqa sabiex il-Qorti tara jekk l-ammont mitlub fl-avviz in esami hux gustifikat jew ecessiv.. Dwar dan hi zammet in konsiderazzjoni s-segwenti:-

a) il-hsarat kif deskritti u li ma jidhirx li kienu estensivi u gravi.

b) Minn-naha l-ohra, il-fatt li l-vettura misjuqa minn Lucienne Zahra kienet tista' tghid, gdida u kienet fuq it-triq ghal ftit xhur biss.

Illi, difatti, a basi ta' dak li ghadu kemm inghad jidher li l-Qorti trid tesamina il-kontijiet u ircevuti relattivi kif ukoll is-'survey report' gja msemmijin u tiddeciedi 'arbitrio boni viri' jekk l-ammont ta' danni hux gustifikat fid-dawl tac-cirkostanzi in esami u ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi l-ammont hekk mitlub ghandu jitnaqqas bl-ammont ta' Lm100, tnaqqis, fil-fehma ta' din il-Qorti, li hu sufficjenti sabiex l-istess hsarat jistghu jkunu minimizzati u b'hekk gustifikati.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-imghax li ghandu jithallas mill-konvenut fuq is-somma hekk ridotta, in vista li l-kontestazzjoni da parti tal-konvenut tidher li kienet gustifikata, l-imghax dovut ghandu jiddekorri mid-data tallum stess. Dwar dan u b'referenza ghat-tielet (3) eccezzjoni jinghad 'obiter' li din l-eccezzjoni hi gustifikata in vista li fl-avviz in esami, l-imghax intalab minn data ta' ittra interpellatorja u mhix minn wahda ufficjali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa 'in parte' it-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli skond il-ligi ghall-incident in esami;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm790; u
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm790 bl-imghax legali mid-data tallum stess sal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April 2000 u ta' dawk interpellatorji tal-5 ta' Jannar 2000 u tat-3 ta' Dicembru 1999, dawk jithallsu kwantu ghal sebgha minn tmienja (7/8) mill-konvenut u kwantu ghal wiehed minn tmienja (1/8) mis-socjeta' attrici nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------